10 ta' Diċembru, 1954.

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D

**Francesco Saverio Fava** *versus* **Elisabetta Camilleri et.**

## Leġittima — Eredità — Rinunzja — "Jus Superveniens".

*Għalkemm jinsab stabbilit mill-ġurisprudenza li min jiġi istitwit eredi b'testment ma jistax jitlob il-leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-eredità, l-azzjoni ta' min jitlob il-leġittima qabel ma jkun għamel dik ir-rinunzja, m'hijiex intempestiva jekk huwa jagħmel dik ir-rinunzja fil-mori tal-ġudizzju, jekk jagħmilha bil-forma mposta mil-liġi. U dan bis-saħħa tal-"Jus Superveniens".*

*It-teorija tal-"Jus Superveniens" hija rikonoxxuta u ġiet diversi drabi applikata mill-Qrati Tagħna; u dan għall-ekonomija tal-ġudizzji u ta' l-ispejjeż. Din l-applikazzjoni tirrikorri meta, mingħajr tibdil fit-talba, il-kawża tibqa' inkwadrata kif tkun, bl-oġġett u l-kawżali li kellha. U għalhekk, meta dak li jitlob il-leġittima, mingħajr ma jkun qabel irrinunzja għall-wirt, jagħmel dik ir-rinunzja fil-mori tal-kawża, dik ir-rinunzja, għalkemm tkun saret tardivament, ma ġġibx magħha ebda tibdil fl-oġġett u fil-kawżali taċ-ċitazzjoni, u konsegwentement hu jista' jibbenefika mis-sanatorja tal-"jus superveniens".*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi hu, li jiġi ħu l-konvenuti prinċipali u ġie magħhom istitwit eredi ta' l-imsemmija Emilia Fava bl-istess testment, ma jridx jaċċetta l-eredità tagħha, imma jrid jikkonsegwixxi

l-leġittima lilu dovuta mill-eredità bħala binha, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet kollha u mogħtija l-provvedimenti kollha meħtieġa, talab li (1) jiġi likwidat l-assi soċjali konjugali li kien jeżisti bejn l-imsemmija Emilia u Giuseppe miżżewġin Fava, billi jiġi dikjarat jikkonsisti mill-affarijiet li jidhru mill-prospett hawn unit (dok. B) u oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; liema assi jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet ugwali, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-assi partikulari ta' l-imsemmija Emilia Fava, u l-oħra lill-assi partikulari ta' l-imsemmi Giuseppe Fava; (2) jiġi likwidat l-assi ta' l-imsemmija Emilia Fava, billi jiġi dikjarat li jikkonsisti mill-porzjoni ta' l-assi soċjali konjugali li tiġi hekk lilu assenjata, u mill-affarijiet l-oħra li jidhru mill-prospett hawn unit (dok. B), u li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; (3) tiġi likwidata l-leġittima li tmiss lill-attur mill-assi li jiġi hekk likwidat ta' l-istess Emilia Fava, liema leġittima tiġi lilu assenjata u mħallsa; billi jiġu nominati, jekk hemm bżonn, periti biex jagħmel il-likwidazzjonijiet mitluba, nutar biex jirċievi l-att opportun, li jiġi publikat fil-ħin u l-post li din il-Qorti tiddetermina, u kuratur biex jirrappreżentaw f'dan l-att lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, u bl-ingunzjoni lill-konvenuti għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' Giuseppe Fava, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet (fol. 204), irrileva li l-attur kien irrinunzja għall-wirt wara li ppreżenta ċ-ċitazzjoni, u għalhekk id-domandi tiegħu ma setgħux jiġu milqugħa. Fin-nota tiegħu (fol. 209), però, huwa ċċara dik l-eċċezzjoni, u kkwalifikaha bħala eċċezzjoni ta' intempestività, billi bbaża ruħu fuq is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-25 ta' Novembru 1946 in re "Azzopardi vs. Mangion" (li tinsab riportata fil-Kollezzjoni, Vol. XXXII —I—423);

Illi, għalkemm b'dik is-sentenza ġie stabbilit il-prinċipju li min jiġi istitwit eredi b'testment ma jistax jitlob il-leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-eredità, l-azzjoni kienet ġiet dikjarata intempestiva għaliex, la qabel u lanqas fil-kors

tal-proceduri, l-attur ma kienx għamel ir-rinunzja għall-eredità. Fil-każ tagħna, però, dina r-rinunzja saret fil-mori tal-kawża, u preċiżament fil-11 ta' Settembru 1948 (fol. 214); u għalhekk titwieled il-kwistjoni jekk *hijiex applikabili* għall-każ it-teorija tal-"Jus Superveniens";

Illi din it-teorija tinsab rikonoxxuta u ġiet diversi drabi applikata mill-Qrati Tagħna; u dan għall-ekonomija tal-ġudizzji u ta' l-ispejjeż. Dina l-applikazzjoni tirrikorri meta, mingħajr tibdil fit-talba, il-kawża tibqa' inkwadrata kif tkun, bl-oġġett u l-kawżali li jkollha (Kollez. XXXI—I—588; XXXII—I—616; XXXIII—I—252);

Illi, fil-każ taħt eżami, l-attur ippremetta fiċ-ċitazzjoni li hua jridx jaċċetta l-eredità ta' Emilia Fava, u li jrid jikkonsegwixxi l-leġittima lilu dovuta minn dik l-eredità; u għalhekk talab (fit-tielet domanda) li tiġi likwidata l-leġittima li tmissu, u li tiġi lilu assenjata u mħallsa. Ir-rinunzja għall-eredità, fil-forma imposta mil-liġi, veru li saret tardivament; iżda ma ġiebitx magħha ebda tibdil fl-oġġett u fil-kawża taċ-ċitazzjoni; u konsegwentement l-attur jista' jibbenefika missana orja tal-"Jus Superveniens". Kieku l-azzjoni odjerna, minħabba s-serotinità tar-rinunzja, kellha tiġi dikjarata intempestiva l-attur kien isib ruħu kostrett li jerġa' jistitwixxi kawża oħra, identika fl-oġġett u fil-kawżali tagħha; u, appuntu biex dan jiġi evitat, id-dottrina u l-ġurisprudenza rrikonoxxew u ssanzjonaw ir-rimedju tal-"Jus Superveniens";

Illi għaldaqstant l-azzjoni odjerna mhix intempestiva, peress li l-attur, sija pure wara li pproponiha, għamel ir-rinunzja għall-eredità ta' Emilia Fava bil-forma rikjesta mill-liġi;

Għal dawn il-motivi:

Tirrespinġi l-eċċezzjoni preġudizzjali opposta mill-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' Giuseppe Fava, bl-ispejjeż; u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni tagħha għall-udjenza tal-7 ta' Marzu 1955.

---